**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Charlotte Curmi]**

**[Spettur Paula Ciantar]**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 547/18**

**Illum, 3 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 373084M akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Lulju 2018, iz-Zejtun u f'dawn il-Gzejjer, ikkaguna feriti ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikati mit-tabib Dr. C. Portelli MD (Med. Reg. 6004) fuq il-persuna ta'

Dejan Formosa ta' 9 snin, li kien qed jghix fl-istess dar; (Art. 221, Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(v) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad li kellu il-jedd li jwiddeb lil haddiehor u cioe` lil Dejan Formosa, hareg barra mill-qies; (Art. 339(1)(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Dejan Formosa, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Dejan Formosa ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 17) datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta dwar allegat vjolenza domestika fejn spicca ferut minuri.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat, li ghazel li jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu, qal li ilu seba' snin f'relazzjoni ma' Marcon Formosa u flimkien ghandhom tifla ta' tlitt snin (Ariana) u qed jistennew tarbija ohra. Marcon ghandha wkoll tifel li jismu Dejan. Mistoqsi dwar l-allegat vjolenza domestika qal li kien qed jahdem fil-post fejn kien qed jaghmel xi pajpijiet tad-dawl u tal-ilma. Dejan u Ariana kienu qed jilghabu u f'daqqa minnhom Ariana bdiet tibki u Marcon bdiet tghajjat *'ara x'ghamlilha'* u hemmhekk l-imputat qal li dar bis-sahha u kellu pajp f'idu, fetah idu u laqat lil

Dejan go dahru. Huwa qal li zbalja li halla t-tfal jigru hdejh waqt li kien qed jahdem izda qal li ma riedx iwegga' lil Dejan. L-imputat qal li dan kien "*accident ta' veru*". Qal li meta ra d-daqqa ma felahx jitkellem: "*ma flahtx nitkellem ghax weggajtu hu, weggajtu u mhux ghax ridt. Qas kont naf li qieghed warajja.*" Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' Dejan qal li hu jhossu tajjeb ma' Dejan izda ma jafx kif qed ihossu t-tifel dan l-ahhar, fil-fatt beda jissuspetta li nanntu qaltlu li hu mhuwiex missieru. Mistoqsi jekk gieli refa' idejh fuq Dejan qal li qatt ma missu.

Xehdet **Charlotte Curmi** li qalet li wara li kkonsultat mal-Ispettur Paula Ciantar iddecidew li Dejan Formosa jigi mitkellem flimkien mac-*child protection services* fejn ittiehdu wkoll ritratti min-naha tal-Pulziija. Hemmhekk Dejan beda jghid li hemm ftit tensjoni bejnu u l-partner t'ommu. Kellmu wkoll lin-nanna materna ta' Dejan li ghamlitha ovvja li ma kinitx tapprova r-relazzjoni ta' bintha mal-imputat.

Xehdet **Paula Ciantar** li esebiet certifkat mediku (Dok. PC1), tpingija li saret mis-*social worker* (Dok. PC2) u serje ta' ritratti (Dok. PC3).

Xehed **Dr. Christopher Portelli** li kkonferma c-certifikat esebit a fol. 22 tal-process.

Xehdet is-*social worker* **Sylvana Calleja** li spjegata li l-minuri Dejan Formosa mar ghand nanntu u waqt li kien hemm zijuh hadu l-bahar u kien hemmhekk li skopra t-tbengila fuq dahru. Nanntu haditu l-ghassa taz-Zurrieq u x-xhud tkellmet mal-minuri flimkien mal-Ispettur Ciantar. Il-minuri spjega li kien qed jilghab ma' ohtu u hadilha xi *toys* u bdiet tibki. Dak il-hin il-*partner* t'ommu qabad pajp u tah daqqa bih fuq dahru. Qal li dak il-hin ommu kienet fix-*shower* u meta rat dahru qalet lill-imputat *'ara x'ghamiltlu'* u l-imputat qalilha *'hu pjacir'*. Il-minuri qal li dan ma kienx l-ewwel incident ta' vjolenza. Ix-xhud qalet li l-minuri kien resistenti biex jitkellem u ghalhekk uzaw '*smiley faces'* ghall-membri tal-familja. Spjegat li l-minuri ghamel *smiley face* ghal ohtu u ghal ommu izda meta gie ghall-imputat ghamel *sad face* u ma riedx jelabora iktar - Dok. EC 2. Omm il-minuri qalet li Dejan kien aggressiv ma' ohtu fejn anki ghamlilha marka fuq sidirha. Meta l-*partner* taghha ra l-marki hu qabad pajp tal-acron u waddbu fid-direzzjonji ta' Dejan u laqtu f'daru.

Xehed ukoll **Alexander Formosa** li qal li kien sejjer il-bahar bit-tifla tieghu u ha mieghu wkoll lil Dejan, li jigi t-tifel t'ohtu. Qal li meta kienu l-bahar ra marka twila fuq dahar Dejan "*forma ta' xi haga tawwalija.*" Ix-xhud ikkonferma mir-ritratt li huwa ra l-istess marka.

Xehdet **Maryanne Formosa** li gharfet lill-imputat bhala l-*partner* tat-tifla taghha. Qalet li lejn l-ahhar ta' Lulju tas-sena 2018 in-neputi taghha kien gie ghandha u ma riedx inehhi l-flokk ghalkemm kien flokk ohxon. Imbaghad bidlitu ghax cempel it-tifel taghha u qalilha li ser jghaddi ghal Dejan biex jiehdu l-bahar. X'hin nehhietlu l-flokk rat marka fuq dahar Dejan li kienet qisha daqqa fit-tul. Meta staqsietu dwar il-marka Dejan ma riedx jitkellem u beda jghidilha '*sorry nanna*'. Qalet li bdiet tibki u li t-tifel taghha rega' gie lura bit-tifel ghax beda jisthi l-bahar. Ix-xhud ikkonfermat li t-tifel fir-ritratti immarkati Dok. AC3 huwa Dejan. Hija gharfet ukoll il-marka fuq dahar Dejan u qalet li hija l-istess marka li rat meta kien ghandha. Ix-xhud ziedet tghid li jumejn qabel it-tifla taghha cemplitilha u qaltilha biex tmur ghat-tifel ghax Christopher keccih 'l barra u ma jridux hemm. Qalet li meta marru sabu lil Dejan fuq il-bankina fis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar.

Xehdet **Marcon Formosa** fejn qalet li l-*partner* taghha Christopher Schembri stinka biex jixtri post biex jghixu bhala familja u peress li huwa *electrician* kien qed jghaddi l-pajpijiet tad-dawl u ilma hu stess. Qalet li t-tfal kienu qed jigru 'l hemm u 'l hawn u hija allargat ruhha ftit minuti. Semghet lit-tfal jibku u meta nizlet tara x'gara sabet lit-tifla tibki naha u dahlet fil-kamra u sabet lit-tifel jibki min-naha l-ohra bi Christopher hdejh li beda jghidlu '*sorry ghax ilqattek'*. Qalet li "*milli jidher it-tifel dahal fil-kamra imfixkel ghax wegga' lil ohtu, dahal fil-kamra warajh, dak kien aljenat jaghmel il-pajpijiet tad-dawl u l-ilma, dar u sabu ma' wiccu u laqtu.*" Hija qalet li ma rat xejn minn dan kollu u li baqghet fuq kliem it-tifel. Qalet li xorta wahda riedet tikkonferma ghaliex seta' kien il-kaz li Dejan beda jibza' u beda forsi jahbi minnha. Qalet li marret ghand avukat ghall-parir fejn irrakkomanda li t-tifel jitkellem mal-psikologa Carmen Sammut u fil-fatt hadet lil binha ghandha. Qalet li Dejan tkellem wahdu mal-psikologa u mir-rapport hareg li t-tifel qatt ma gie mahqur. Qalet li ommha sabet ix-xoqqa f'moxta biex taghmel rapport kontra l-*partner* taghha u sahansitra ommha kienet ghamlet rapport biex tehodilha t-tifel. Ix-xhud gharfet mir-ritratti l-marka fuq dahar Dejan fejn irriferiet ghalih bhala: "*Il-marka ta' fejn laqtu Chris.*" Qalet li Dejan kien qalilha li l-imputat kien laqtu b'pajp tal-acron tal-ilma. Mistoqsija x'qalilha Dejan

meta l-imputat laqtu qalet: "*Qalli li ggieled m'ohtu, ghadda minn warajh u nzerta kif dar laqtu."*

Xehed il-minuri **Dejan Formosa** permezz ta' *video conference* li stqarr li kien qal lil nanntu li l-papa` ma kienx laqtu apposta. Spjega li dakinhar kien qed jilghab ma' ohtu u ggieldu. Meta ommu semghet lil ohtu tibki giet hdejhom u hu mar fil-kamra l-ohra hdejn missieru li kien qieghed jahdem u ma semghux diehel. Missieru mbaghad dar u laqtu bil-pajp. Qal li missieru kien qed jahdem fil-kcina b'pajp tal-acorn. Qal li dan gara fis-sajf tas-sena l-ohra. Huwa qal li laqtu go dahru u mistoqsi ghal diversi drabi kkonferma li huwa cert li qal lil nanntu li l-papa` laqtu u mhux tah daqqa. Spjega li dak il-hin qallu '*aremm ilqatni*' fejn l-imputat qallu '*ha nara x'ghandek'* u nezzalu l-flokk. Qal li ommu ma kinitx hemm dak il-hin ghax kienet go kamra ohra. Qal ukoll li baqa' ma qalilhiex lil ommu x'gara. Wara pero` jghid li ommu indunat: "*u nizlet bl-ingwent biex torokli dahri anke l-papa` beda jara x'ghandi u jibki.*" Jghid li meta staqsietu ommu qalilha li laqtu l-papa` "*mhux ghal tal-apposta*". Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn hass li kellu jghidilha li mhux apposta laqtu qal: "*ghax kulhadd il-familja tieghi jhobbuni u jriedu jkunu jafu x'ghandi u x'm'ghandix.*"

Illi xehed l-imputat **Christopher Schembri** li spjega li kien xtara post ghall-familja ghax kienu qed jghixu go garaxx. Qal li t-tfal kienu qed jigru ma' saqajh ghax m'ghandux min izommhomlu filwaqt li kien qed jaghmel xi xoghol ta' dawl u ilma. Spjega li: "*f'hin minnhom bdew jghajtu heqq u kif dort sibt lil ibni warajja. .. Il-bqija heqq dak il-hin inzilt gharkuptejja biex nara x'ghandu, jiddispjacini e.*" Wara hafna insistenza l-imputat qal li laqtu bil-pajp tal-ilma. Spjega li ma rrealizzax x'kellu mbaghad "*bdejt nghoroklu daqsxejn dahru heqq imbaghad bdejt nidlikulu bil-cream imma weggajtu u.*" Huwa qal li fis-seduta precedenti spjega li wara li hareg it-tifel mis-sigrieta huwa gera fuqu imbikkem ghax haseb li arrestawh.

Inkontroezami l-imputat qal li ma jafx kemm kien twil il-pajp u ma jafx x'tip ta' sahha kien qed juza meta laqtu. Fuq domanda tal-Qorti l-imputat qal li l-pajp seta' kien twil xi metru, metru u nofs jew aktar. Wara kumment da parti tal-Qorti kif ferita bhal din giet ikkawzata waqt li huwa kien qed idur, l-imputat qal minn jeddu: "*Nahseb dort bis-sahha zgur biex heqq weggajtu u.*" L-imputat kompla jghid hekk: "*Dakinhar veru kien incident. Kieku ridt inweggghu ma nahsibx li, nahseb iktar minn daqqa wahda kont intih nahseb kieku.*"

Xehdet il-psikologa **Carmen Sammut** li qalet li rat lil Dejan erba' darbiet; tlieta wahdu u darba flimkien ma' ommu, l-imputat u hutu. Hija spjegat li Dejan kien konsistenti u dejjem irrefera ghall-incident bhala '*accident*' u qalet li l-minuri kien jidher li ma kienx *coached*. Qalet li anki kieku kien *coached* peress li ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD kienet taqbizlu kelma minhabba l-impulsivita`. Qalet li jirreferi ghall-imputat bhala 'papa``' u tkellem fil-posittiv dwar l-ambjent fid-dar. Ix-xhud spjegat li l-iktar *concern* ghat-tifel kien li minhabba din it-tbengila huwa ttiehed minn dar ommu fejn dejjem kien konsistenti li jinsab kuntent. Ix-xhud esebiet rapport li gie mmarkat bhala Dok. CS1.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tad-difiza saret riferenza ghall-fatt li l-akkuzat ma kellu l-ebda intenzjoni jagixxi b'mod vjolenti kontra l-minuri Dejan Formosa u li di fatti l-incident inkwistjoni kien biss '*accident*'.

Illi huwa ben risaput *ormai* illi biex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel

hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> *"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Illi fil-kaz in ezami l-unika prova dwar id-dinamika tal-incident hija x-xhieda tal-minuri Dejan Formosa u tal-imputat innifsu, ghaliex huma biss kienu fil-kamra dak il-hin li sehh l-akkadut. It-testimonjanza tax-xhieda l-ohra kollha li gew imressqa mill-Prosekuzzjoni tammonta biss ghal *detto del detto*.

Illi minn ezami ta' dawn iz-zewg xhieda jirrizulta li l-allegat att vjolenti kien proprju wiehed mhux intenzjonat fejn kemm il-minuri u anki l-imputat qalu l-istess haga u cioe` li l-imputat dar u laqtu bi zball. Dan juri illi l-intenzjoni tal-imputat ma kinitx li jwegga' lill-minuri u ghaldaqstant l-offiza volontarja ma tistax tissussisti minghajr tali intenzjoni.

Illi gjaladarba ma tissusstix l-ewwel akkuza tal-offiza volontarja, lanqas ma tista' tissussisti t-tieni akkuza u cioe` dik fejn l-imputat gie akkuzat li hareg barra mill-qies u dan ghaliex mix-xhieda tal-minuri u anke mix-xhieda tal-imputat jirrizulta li l-marka ma saritx ghaliex l-imputat kien qed iwiddeb lill-minuri izda saret bi zball waqt li kien qieghed idur.

Illi l-intenzjoni tal-imputat hija wahda mill-ingredjenti fundamentali sabiex tissussisti l-offiza volontarja u ghalhekk il-

Qorti ma tistax issib htija fil-konfront tal-imputat. Minkejja dan, u fid-dawl tal-fatt li l-imputat stess qal li huwa laqat lil Dejan Formosa bi zball, il-Qorti thoss li ghandha tavza lill-imputat biex ikun aktar kawt u dan sabiex incidenti simili ma jergghux jirrepetu ruhhom fil-futur. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm mill-provi ma hargitx l-intenzjoni tal-imputat li jwegga' l-minuri xorta wahda jibqa' l-fatt li mir-ritratti tal-griehi tidher marka mdaqqsa. Il-Qorti pero` ma hijiex konfortata b'espert mediku mqabbad sabiex jamplifika fuq il-griehi fuq il-minuri u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma talbitx ghal tali nomina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Christopher Schembri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**